Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

28 ta' April 2016

**L-Ħamsa u Ħamsin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa se ssir nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju 2016 fis-7.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AĠENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Konsultazzjoni ir-reviżjoni tal-*bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ.
6. Intervisti lill-persuni b'diżabilita` li wrew interess fil-*Community Inclusive Employment Scheme* mnedija mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u t-Taħriġ.
7. Estimi u tħejjijiet għall-Mellieħa *Music Festival* 2016.
8. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt dwar *Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari.
9. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt dwar *Contract Management* fuq Xogħol ta' *Resurfacing* ta' Toroq.
10. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt dwar Tindif u Manutenzjoni ta' Parki u Ġonna Pubbliċi, Siġar mal-ġnub tat-Toroq u *Soft Areas* bl-użu ta' Prodotti u Prattiċi li ma jagħlux ħsara lill-Ambjent.
11. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt dwar Xogħlijiet Infrastrutturali fi Triq Sant' Anna k/m Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq il-Mitħna l-Qadima.
12. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt dwar Titjib fit-Turġien fil-parti ta' fuq ta' Triq San Publiju.
13. Mozzjoni dwar l-Manutenzjoni u Żamma ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa) u f'Postijiet Oħra bl-użu ta' Prodotti u Prattiċi li ma jagħlux ħsara lill-Ambjent.

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## MOZZJONIJIET

8. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:

"Billi l-kuntratt dwar *Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari, skada u għalhekk saret sejħa għall-offerti (1/2016) skont l-Att tal-Kunsilli Lokali 1993 u l-Avviżi Legali 91 u 92 ta' l-1993;

Billi saret l-aġġudikazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* taż-żewġ offerti sottomessi, kif jidher fil-minuti tal-istess bord tas-27 ta' April 2016; u

Billi fl-Estimi Finanzjarji għas-sena finanzjarja 2016, il-Kunsill allokata fondi taħt il-voti 2311 u 7502, sabiex jintefqu fuq ir-*Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari li jistgħu jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv (RR-37) mal-kumpanija Central Asphalt Ltd, għall-perjodu ta' tlett snin, b'effett mill-1 ta' Ġunju 2016, skont il-kundizzjonijiet u r-rati sottomessi minnhom fid-dokument ta' l-offerta.". (T/4/13/Vol XI)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg<br>Proponent | Emvin Bartolo<br>Sekondant |

9. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:

"Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2016 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata *period contract* dwar *resurfacing* ta' toroq u xogħlijiet anċillari; u

Billi saret sejħa għall-offerti, skont l-Att tal-Kunsilli Lokali ta` l-1993 u l-Avviżi Legali 91 u 92 ta` l-1993, sabiex jinstab kuntrattur li lest jagħti servizz ta' *Contract Management* fuq l-imsemmija xogħlijiet; u

Billi ħames offerti li saru ġew evalwati mit-*Tender Adjudcation Board*, f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa u rati kkwotati;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u susseġwentement jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv mal-Perit Joseph Attard, għall-perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2016.". (K/6/5/3/Vol II)

| | |
|---|---|
| Clayton Bartolo<br>Proponent | Joseph Gauci<br>Sekondant |

10. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini illi tgħid:-

"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*, ma` l-Environmental Landscapes Consortium Ltd għaddielu t-terminu tiegħu;

Billi saret sejħa għall-offerti (3/2016) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2016, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3061; u

Billi saret evalwazzjoni tal-unika offerta li ġiet sottomessa mill-imsemmija Environmental Landscapes Consortium Ltd illi offrew rata annwali meqjusa raġġjonevoli, filwaqt li permezz ta' kuntratti passati rrendew servizz sodisfaċenti;

Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-istess Environmental Landscapes Consortium Ltd, bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt għal tliet snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2016, bil-ħlas annwali offrut ta' €15,975, liema somma tipprovdi għall-assenjazzjoni ta' ħaddiem fil-lokalità mgħejjun minn ħaddiema oħra ta' l-istess offerent, skont il-ħtieġa.". (K/6/3/Vol II)

| | |
|---|---|
| Annabelle Brincat Stellini<br>Proponent | Hilary Fenech<br>Sekondant |

11. Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Buttigieg illi tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti (4/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex isiru Xogħlijiet Infrastrutturali fi Triq Sant' Anna k/m Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq il-Mitħna l-Qadima, skont permess mogħti mill-MEPA – DN 780/15;

Billi skont ma jidher mil-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tas-27 ta' April 2016, saret evalwazzjoni taż-żewġ offerti li ġew sottomessi, kif ukoll saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-offerent Central Asphalt Ltd;

Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2016, taħt il-kont Nru. 7518;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent imsemmi, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/4/26)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg<br>Proponent | Patrick Cutajar<br>Sekondant |

12. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Attard illi tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti (5/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex isir Titjib fi Triq San Publiju fil-parti bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Parroċċa, skont permess mogħti mill-MEPA – PA 2979/14;

Billi l-unika offerta li saret ġiet evalwata f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa u prezz ikkwotat;

Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha parzjalment fl-estimi tas-sena finanzjarja 2016, taħt il-kont Nru. 7518;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent imsemmi, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/4/26)

| | |
|---|---|
| Joseph Attard<br>Proponent | Patrick Cutajar<br>Sekondant |

13. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier D. Vella illi tgħid:-

"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għaż-żamma tal-qsari f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Belveder tas-Sur, u postijiet oħra għaddielu t-terminu tiegħu;

Billi saret sejħa għall-offerti (16/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993;

Billi saret evalwazzjoni tal-unika offerta li ġiet sottomessa f'dak li huwa dokumentazzjoni mitluba u rati kkwotati, filwaqt li jeżistu fondi biżżejjed sabiex ikun jista' jiġi ffinanzjat dan is-servizz taħt il-vot 3061;

Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lis-Sur Antoine Fenech bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt għal tliet snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2016 skont ir-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta.".

(K/6/3/Vol II)

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Joseph Gauci |
| Proponent | Sekondant |